## Minuti tal-Wieħed u Erbgħin (41) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur il-Ħamis 19 ta' Frar, 2015 fl-5:30 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Vici Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| Danica Cassar | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagh |
| *Joseph Azzopardi* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba. Is-Sindku Charles Said nnota li hawn xi residenti li jixtiequ jitkellmu u talab lill-kunsilliera sabiex nagħtu permess lil dawn ir-residenti jitkellmu. Dr. Josianne Cutajar innotat li wara l-aħħar laqgħa urġenti, hi ħasset li għandha tavza lir-residenti li xtaqu jitkellmu sabiex juru l-veduti tagħhom. Is-Sur Andrew Vella innota li hu qed jimxi mad-deċizjoni tal-Qorti u ilu li applika sabiex jibni dar mis-sena 2003. Tkellmu wkoll l-aħwa Camilleri favur il-posizzjoni tas-Sur Andrew Vella. Is-Sindku Charles Said innota li għall-laqgħa urġenti ma kien mistieden l-ebda resident u min kien prezenti ġie għax ried, bħal ma jista jagħmel kull resident iehor għal kwalunkwe laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill, bil-vot favur tal-kunsilliera Nazzjonalisti, ħa l-aħjar decizjoni fit-3 ta' Frar 2015 fl-interess pubbliku u mhux fl-interess personali. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri nnota li l-Kunsill jagħti cans lil kulħadd biex juri l-veduti tiegħu pero l-kwistjoni hi dwar punt kardinali li art pubblika m'għandhiex tintuza għall-interess personali. Hu kompla li, wara li saret l-oġġezzjoni mill-Kunsill, hi l-M.E.P.A. l-awtorita kompetenti li għandha tiddeċiedi jekk dan il-ħajt jinbeniex jew le. Il-kunsilliera Dr. Rita Mifsud qablet ma' din i-posizzjoni u sostniet li l-Kunsill m'għandux jindaħal fi kwistjonijiet personali. Dr. Josianne Cutajar qalet li hi u Marija Natoli ma kienux jafu l-istorja kollha wara dan il-proġett u għalhekk dakinhar astjenew dwar din il-materja. Is-Sindku Charles Said sostna li l-oġġezzjoni saret biex ma jinbeniex il-hajt fuq il-Belvedere in kwistjoni fl-ahjar interess tan-Nadur kollu sabiex din l-art tibqa titgawda min-Nadurin kollha ta' kull zmien. Dr. Josianne Cutajar u Marija Natoli innotaw li, filwaqt li jaqblu ma' dak li qed jintqal, sostnew li huma wkoll għandhom l-interess tar-raħal pero fl-istess ħin iridu wkoll jissavalgwardjaw id-drittijiet tal-proprjeta tar-residenti.

2. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru disgħa u tletin (39) numru erbgħin (40) tas-seba' Kunsill ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali.

3. **Proġett ta' Pjazza San Pietru u San Pawl – Mizura 413.4** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li ser ningħataw 140,000 Ewro taht il-Mizura 413.4 (Landcaping) tal-proġett Leader minbarra li applikajna wkoll għall-finanzjament mill-Fond tal-Ko-finanzjament. Baqgħalna wkoll madwar 32,000 Ewro taħt il-Mizura 313. Is-Sindku innota li nhar it-Tnejn 23 ta' Frar 2015 ser tagħlaq l-offerta pubblika taħt il-Mizura 413.4 u dakinhar filgħaxija jinfetħu l-offerti pubbliċi. Minħabba l-urġenza ġie deċiz li nhar il-Ġimgħa 27 ta' Frar 2015 fl-4.30 p.m. issir laqgħa b'urġenza ħalli x-xogħljiet jinbdew immedjatament għaliex iridu

jitlestew sa' Mejju 2015. Il-Kunsill qabel li nitfghu l-energija kollha tagħna fuq dan il-proġett. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri staqsa minħabba l-armar tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Festa u s-Sindku wieġeb li m'għandux ikun hemm problemi għaliex hu qiegħed f'kuntatt kontinwu mal-parroċċa dwar dan.

## 4. Korrispondenza

(5202) Dokumenti minghand Power Installations Ltd. dwar il-manutenzjoni tal-lift fil-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jġedded dan il-kuntratt għal perjodu ta' sena oħra.

(5203) E-mail mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar it-tqassim ta' bolol tad-Dazju tas-Sisa.

(5204) E-mail mingħand il-Green MT dwar il-gbir ta' ħġieġ bieb bieb. Ser jitqassam fuljett lir-residenti matul Marzu dwar l-importanza ta' dan il-ġbir.

(5205) E-mail mingħand FECC dwar il-konvenzjoni li ser issir fil-Croatia bejn id-9 u s-17 ta' Mejju 2015.

(5206) E-mail mingħand il-Gozo Action Group dwar l-introduzzjoni tal-Linja gwida ta' strategija Zvilupp lokali.

(5207) E-mail mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ftehim mal-iskemi dwar skart riciklat

(5208) E-mail mingħand Lynette Camilleri dwar l-NSTS Science Art Contest. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva u ser nixtru science book biex jigi pprezentat mis-Sindku.

(5209) E-mail minghand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-assikurazzjoni tal-flus. Is-Sindku nnota li għalissa ħallasna biss tal-impjegati tal-Kunsill

(5210) Ittra minghand QA Unit bhala konferma tal-inkluzjoni fl-SLC Database.

(5211) Memo 4/2015 dwar il-Kumitat tal-Finanzi. Il-Kunsill qabel li dan ikun kompost mis-Sindku, l-aġent segretarju ezekuttiv, il-kunsilliera Dr.Josianne Cutajar u l-*accountant* tal-Kunsill.

(5212) E-mail minghand il-*Gozo Action Group* dwar Progetti tal-Mizuri taht il-Leader Programme

(5213) Ittra minghand l-Ufficcju Elettorali dwar ir-Reġistru Elettorali Jannar 2015 ; dan diġa ġibna kopja tiegħu.

(5215) E-mail minghand Reġjun Għawdex dwr il-possibilita' ta' parteċipazzjoni fil-youth orchestra gewwa r-regjun t'Aquitane. Is-Sindku innota li għadda din l-informazzjoni lill-Kumitat tal-Banda Mnarja.

(5218) Il-programm taz-zjara gewwa Turin. Is-Sindku innota li diġa ħallsu d-depozitu xi residenti u ser inkomplu nħeġġuu n-nies biex jattendu għal din iz-zjara fejn fiha ser jinkixef monument f'ġieħ Dun Joshua.

(5219) E-mail minghand Joseph Bonello dwar zbir tas-sigar.

(5220) E-mail minghand l-Enemalta dwar l-introduzzjoni ta' *Local Councils Helpdesk* fejn tingħata ghajnuna dwar ilmenti u servizzi tal-Enemalta.

(5221) E-mail minghand Dr.Aaron Hili fejn jinforma lil Kunsill li ser tinstema xhieda ta' persuna fil-bini tal-Kunsill

(5222) E-mail minghand il-Ministeru ghal-Ghawdex dwar sponsorship ta' 5000 ewro ghall-Karnival tan-Nadur

(5223) E-mail lil Mario Mallia biex nordnaw zewg mirjiet tat-traffiku. Josianne Cutajar semmiet bzonn ta' waħda fil-kantuniera tat-toroq Agius de Soldanis ma' Fatima.

(5224) E-mail Isabella Camilleri Aquilina dwar l-attivitajiet sportivi organizzati taħt l-iskemi tad-D.L.G.

(5225) Ittra minghand l-Ufficċju tal-Parlament Ewropew fejn baghtu fuljetti ta' informazzjoni dwar il-ħidma tal-membri tal-parlament Ewropew.

(5226) Lista ta' attivitajiet li se jkollna fin-Nadur bejn April u Gunju 2015. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri staqsa dwar l-attivatijet organizzati mill-Knisja fi zmien il-festa. Ser nitolbu lill-Arċipriet programm sabiex inkunu nistgħu nippjanaw l-attivitajiet tagħna.

(5227) E-mail minghand Dr.Josianne Cutajar fejn gharrfet lil Kunsill b'rikjesta ghal kisi bis-siment quddiem residenza f'Ghajn Berta Street. Din it-talba ġiet approvata.

(5228) E-mail minghand Dr.Josianne Cutajar dwar rikjesta għal tindif ta' grada tal-ilma tax-xita fi Triq Xandriku. Is-Sindku Charles Said innota li diġa mar il-handyman Ivan ; meta jkun possibbli jerġa jmur sabiex din il-grada possibilment titnaddaf aħjar.

(5229) E-mail minghand Grech & Darmanin Architects dwar il-proġett tal-Pjazza

(5230) Ittra minghand id-Direttur tal-Gvern Lokali dwar lallokazzjoni finanzjarja għas-sena 2015.

(5231) *Acknowledgement* minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali Dwar il-Performance Bonus ta Ms.Rita Mifsud Attard. Dan ser jitħallas mal-pagamenti li jmiss.

(5232) Ittra minghand is-Socjeta Filarmonika Mnarja dwar talba sabiex isir CD tal- marci tal-festa. Wara diskussjoni ġie deċizjoni li niltaqgħu ma' membri tal-Kumitat fil-laqgħa li jmiss.

(5234) E-mail minghand Colin Attard dwar il-Gaulitana Festival of Music. Il-Kunsill m'aċċettax din it-talba pero ser nitolbu stima għall-organizazzjoni ta' kunċert zgħir.

Charles Said, Sindku



Joseph Azzopardi
Agent Segretarju Eżekuttiv

(5235) E-mail minghand Galea Curmi dwar kwotazzjoni ghal installazzjoni ta' bozza solari gdida fi Triq Sopu. Dr Josianne Cutajar innotat li min talab il-bozza mhux interessat f'bozza solari. Ser niċċekkjaw dwar bozza li qed taħdem bis-sistema solari fi Triq l-Inzul tal-Franċizi.

(5237) Ittra mill-Għaqda Diċembru 13 dwar bejg ta' xtieli fil-pjazza fl-okkazjoni ta' Jum l-Omm. Bejn il-Ġimgħa 8 u l-Ħadd 10 ta' Mejju. Il-Kunsill qabel li jingħata dan il-permess.

(5238) E-maill minn Gatt Construction sabiex il-ħlasijet tat-testing taħt l-iskema tal-PPP jitħallsu mill-Kunsill. Ser nivverifikaw il-kuntratt qabel niddeċiedu.

(5239) E-mail mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar konferenza Proġett ERSI fit-23 u 24 ta' Frar 2015; Inqraw ukoll korrispondenzi mingħand is-Segretarju Parlamentari Dr. Justyne Caruana u mill- Uffiċċju tal-President dwar attivitjaiet li ser isiru fis-6 ta' Marzu u fit-30 ta' Marzu rispettivament. Il-Kunsill qabel ukoll li nagħtu permess lil student Joseph Attard sabiex jiġbor xi nformazzjoni dwar tezi li qed jagħmel.

5. **Approvazjoni tal-financial statements tas-sena 2014** L-aġent segretarju ezekuttiv ippreżenta r-rapporti finanzjarji għas-sena 2014. Dr. Josianne Cutajar innotat li hi u Marija Natoli ser jastjenu peress li ma kellhomx zmien jivverfikawhom. Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti li ntbagħtu llum stess mill-*accountant* tal-Kunsill bi tliet voti favur u zewġ astensjonijiet. Dawn ser jintbagħtu lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-awdituri li ser jivverifikaw dawn ir-rapporti.

6. **Karnival 2015.** Is-Sindku nnota li l-attivitajiet konnessi mal-Karnival marru tajjeb u kollha saru. Is-Sindku qal li apparti li kellna wieħed mill-aħjar Karnival organiżżatt li qatt sar , irnexxilna, bil-kumpaniji taghna, narmaw il-Karnival fl-irħula l-oħra. Fil-Karnival organiżżat hadu sehem il-fuq minn 25 kumpanija. Il-Viċi Sindku rringrazzja lis-Sindku u lill-impjegati tal-Kunsill li, minkejja l-pressjonijiet li dawn l-attivitajiet joħolqu, għamlu dak kollu possibbli biex kollox mar tajjeb. Josianne Cutajar innotat ukoll l-isforz li sar pero' staqsiet jekk nistgħux inġibu s-servizz tal-ambulanza għall-Karnival organiżżat. Is-Sindku Charles Said innota li dan is-servizz is-soltu jingħata waqt il-Karnival spontanju pero' dakinhar li ġara l-inċident hu u l-Onorevoli Ministru għal Għawdex ippruvaw jikkuntattjaw l-isptar t'Għawdex imma ma rnexxielhomx jaqbdu. Dan is-suġġeriment jista' jiġi kkunsidrat għas-sena d-dieħla. Il-Viċi Sindku Eucharist Camillieri nnota, u Dr. Josianne Cutajar qablet, li għandna nibdew naħsbu biex nżommu ħaj il-Karnival tradizzjonali permezz ta' inizjattivi li jista' jieħu l-Kunsill. Ser niċċekkjaw ukoll dwar l-assigurazzjoni tal-Kunsill.

7. **Materji oħra** Il-Viċi Sindku reġa' semma ħajt tas-sejjieħ fi Triq it-Tiġrija; is-Sindku qal li dan diġa tranġa. Hu semma wkoll tabella tan-*no-entry* ħdejn ir-restaurant Almar li hemm bzonn tinbidel; ser naraw li tinbidel. Dr. Josianne Cutajar innotat li parti minn Triq ta' Xurdin ser tiġi livellata mill-ġdid mill-Ministeru għal Għawdex. Dr. Cutajar kellha diversi lmenti; dawn ser telenkahom permezz ta' e-mail lill-Kunsill. Marija Natoli semmiet li hemm id-dlam f'area fil-kantuniera bejn Triq il-Knisja k/ma Triq Xandriku. Hi nnotat ukoll li hemm bżonn il-*patching* fi Triq Dun Anton Tabone. Is-Sindku qal li l-Kunsill beda programm ta' patching u din it-triq kienet minn tal-ewwel li ġiet irranġata l-ġimgħa l-oħra. Il-*patching ikun* jista' jitkompla, dejjem jekk it-temp jippermetti peress li huwa mpossibli li jsir jekk tkun ix-xita u t-toroq ikunu mxarrba . Is-Sindku semma l-bzonn urġenti li tinbena parti mit-Triq ta' Wied ir-Rihan li sfrondat bil-maltemp u li hija ta' periklu. Is-Segretarju Ezekuttiv qara *e-mail* mingħand il-Perit Angelo Portelli fejn iċċertifika *slipway* li saret f'Daħlet Qorrot.

8. **Data għall-laqgħa oħra.** Il-laqgħa ntemmet fit-8 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir il-Ħamis 26 ta' Marzu fil-5.30 p.m.

**Charles Said, Sindku**  **Joseph Azzopardi**
**Agent Segretarju Eżekuttiv**

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru41

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 15/01/2015 sa 20/02/2015

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Local Councils Association | €110.00 | €110.00 | | Insurance for employees | 13/02/15 | | 13526 |
| 2 | Buttigieg Meat Shop | €160.72 | €160.72 | | Meat for Kukkanja | 17/02/15 | | 13527 |
| 3 | Vassallo Jewellery | €141.60 | €141.60 | | Plaque engravement for carnival trophies | 21/01/15 | 12242050 | 13528 |
| 4 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 13529 |
| 5 | Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | | Public Convenience Maintenance JAN | 02/02/15 | | 13530 |
| 6 | Charlie & Jennifer Camilleri | €480.00 | €480.00 | | Carnival trophies | 05/02/15 | 115 | 13531 |
| 7 | Joseph Camilleri | €61.60 | €61.60 | | Maintenance supplies | 13/11/14 | 1932 | 13532 |
| 8 | St Peter & St Paul Parish Office | €350.00 | €350.00 | | Use of hall for Day Centre DEC | 14/01/15 | | 13533 |
| 9 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 13534 |
| 10 | Sammy Attard | €1,913.00 | €1,913.00 | | Supply of water | 11/07/14 | 111/114 | 13535 |
| 11 | Office Club | €20.00 | €20.00 | | Binding service | 02/02/15 | 11297 | 13536 |
| 12 | BCD Graphics Ltd | €105.00 | €105.00 | | Printing of Carnival posters | 09/01/15 | 5147 | 13537 |
| 13 | Portelli Print | €504.00 | €504.00 | | Printing of Nadur newletter | 27/01/15 | 984 | 13538 |
| 14 | P&J Debono | €14,967.18 | €14,967.18 | | Konkos and construction | 16/02/15 | 17751/17650 | 13539 |
| 15 | Peter Paul Said | €2,513.17 | €2,513.17 | | Work with bobcat | 31/12/14 | 4124/4125 | 13540 |
| 16 | Richard Cauchi | €3,812.20 | €3,812.20 | | Maintenance of street lights | 15/02/15 | 29 | 13541 |
| 17 | Richard Cauchi | €2,268.95 | €2,268.95 | | Maintenance of street lights | 15/05/12 | 31 | 13542 |
| 18 | Richard Cauchi | €2,641.71 | €2,641.71 | | Maintenance of street lights | 15/02/15 | 30 | 13543 |
| 19 | Christian Saliba | €150.00 | €150.00 | | Caniral Participation | 18/02/15 | 001/2015 | 13544 |
| 20 | Joe Chircop | €295.00 | €295.00 | | Preparation of carnival program and supervision | 18/02/15 | 21 | 13545 |
| | **Total** | **€30,679.38** | **€30,679.38** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru41

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: 15/01/2015

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | | Fuel Allowance | 31/01/15 | | 13546 |
| 22 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 13547 |
| 23 | Dreamgrafix | €96.00 | €96.00 | | Street signs | 17/02/15 | 19 | 13548 |
| 24 | Secuirty First Services Ltd | €645.00 | €645.00 | | Security services during carnival | 09/02/15 | 5/2015 7/2015 | 13549 |
| 25 | Central Power Installations Ltd | €714.68 | €714.68 | | Elevator Maintenance Agreement | 02/01/15 | 650 | 13550 |
| 26 | Bernandy | €57.82 | €57.82 | | Products for Kukkanja | 11/02/15 | | 13551 |
| 27 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 13552 |
| 28 | Go Plc | €253.51 | €253.51 | | Telephone bill | 12/02/14 | 42043880/41607032/42036117/41599045 | 13553 |
| 29 | Gebuba Wine Bar | €84.50 | €84.50 | | Drinks for Holland Band during carnival | 15/02/15 | | 13554 |
| 30 | Smart Office Supplies | €48.83 | €48.83 | | Stationary supplies | 28/01/15 | 17071/17477 | 13555 |
| 31 | Charles Mifsud | €190.00 | €190.00 | | Sweeping JAN | 31/01/15 | | 13556 |
| 32 | Xerri's Garden Centre | €278.75 | €278.75 | | Supply of plants | 09/02/15 | 2317/2306 | 13557 |
| 33 | A.F. Ellis Ltd | €35.40 | €35.40 | | Bronze Stopper | 15/12/14 | 21861 | 13558 |
| 34 | Mary Attard | €98.55 | €98.55 | | Librarian | 03/02/15 | | 13559 |
| 35 | Gozo Vision Studios | €392.00 | €392.00 | | Copies of documentary | 03/02/15 | | 13560 |
| 36 | KIP | €4,180.00 | €4,180.00 | | January | 31/01/15 | 18740 | 13561 |
| 37 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 13562 |
| 38 | D. Illumination | €4,767.20 | €4,767.20 | | Christmas Street Light Decorations | 14/01/15 | 429 | 13563 |
| 39 | R.A. & Sons Ltd | €228.94 | €228.94 | | Supply of jablo | 29/01/25 | 15229 | 13564 |
| 40 | Mario Cardona | €55.60 | €55.60 | | Opening of public convenience in Dahlet Qorrot | 04/02/15 | 46 | 13565 |
| | **Sub total** | **€12,231.78** | **€12,231.78** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€30,679.38** | **€30,679.38** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€42,911.16** | **€42,911.16** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru41

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 15/01/2015**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Chris Paul Cardona | €174.50 | €174.50 | | Street sweeping San Blas | 04/02/15 | 30 | 13566 |
| 42 | Sammy Buttigieg | €104.00 | €104.00 | | Items for Kukkanja | 20/02/15 | | 13567 |
| 43 | Rapa Showroom Co Ltd | €17.55 | €17.55 | | Gradu | 03/02/15 | 20733 | 13568 |
| 44 | Cordina Photo Market | €21.00 | €21.00 | | 3 Carnival DVDs from 2014, 2013 and 2012 | 20/02/15 | | 13569 |
| 45 | Ozone Ltd | €51.64 | €51.64 | | Telephone bill | 31/01/15 | 107141 | 13570 |
| 46 | ARMS ltd. | €10.23 | €10.23 | | Electricty and water bill | 15/02/15 | 19824961 | 13571 |
| 47 | Xerri's Garden Centre | €119.75 | €119.75 | | Supply of trees and compost | 29/01/15 | 2305 | 13572 |
| 48 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | VOID | 13573 |
| 49 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | VOID | 13574 |
| 50 | Josef Camilleri | €209.00 | €209.00 | | Maintenance of parks and gardens DEC 14 and JAN 15 | 30/01/15 | | 13575 |
| 51 | Gatt Enterprises Ltd | €226.86 | €226.86 | | Supply of sand | 27/01/15 | 1406 | 13576 |
| 52 | Galea Curmi Eng. Con. Ltd. | €96.62 | €96.62 | | Contract Manager Fee JAN | 30/01/15 | 3130 | 13577 |
| 53 | Ghaqda Armar Triq il-Knisja | €110.00 | €110.00 | | Armar ta' Arbli | 15/01/15 | | 13578 |
| 54 | Wasteserv Malta Ltd. | €2,035.26 | €2,035.26 | | December | 21/01/15 | 54874 | 13579 |
| 55 | Joseph Cauchi | €211.00 | €211.00 | | Maintenance of Gnien il-Kunsill Garden and Public Conv. | 23/01/15 | 83 | 13580 |
| 56 | Marthese Caruana | €46.50 | €46.50 | | Rent of premises for presenters | 22/01/15 | | 13581 |
| 57 | Perm. Sec. Minister for Justice & Local Government | €200.00 | €200.00 | | Advert | 21/01/15 | | 13582 |
| 58 | Perm. Sec. Minister for Justice & Local Government | €115.00 | €115.00 | | Advert | 21/01/15 | | 13583 |
| 59 | Perit Robert Grech | €975.00 | €975.00 | | Preparation of tender | 17/01/15 | | 13584 |
| 60 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 13585 |
| | **Sub Total** | **€4,723.91** | **€4,723.91** | | | | | |
| | **Balance b/f** | **€42,911.16** | **€42,911.16** | | | | | |
| | **Balance c/f** | **€47,635.07** | **€47,635.07** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru41

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 15/01/2015**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | FECC | €150.00 | €150.00 | | Membership fee | 19/01/15 | 356 ABCD/15 | 13586 |
| 62 | Antoine Theuma | €115.00 | €115.00 | | Vocal Concert | 11/11/14 | | 13587 |
| 63 | Georgina Gauci | €75.00 | €75.00 | | Vocal Concert | 11/11/14 | | 13588 |
| 64 | Mario Mallia | €111.70 | €111.70 | | Road traffic mirrors | 23/01/15 | 18/15 | 13589 |
| 65 | JCA Ltd | €625.40 | €625.40 | | Accountancy Service | 19/01/15 | 282 | 13590 |
| 66 | Commissioner of Police | €1,225.40 | €1,225.40 | | Carnival Police Service | 20/02/15 | 40752 | 13591 |
| 67 | Mario Portelli | €525.00 | €525.00 | | Food for participants | 10/02/15 | | 13592 |
| 68 | Marvin Camilleri | €161.50 | €161.50 | | Park and garden maintenance DEC | 31/12/14 | 60 | 13593 |
| 69 | Marvin Camilleri | €161.50 | €161.50 | | Park and garden maintenance JAN | 30/01/15 | 62 | 13594 |
| 70 | Rita Mifsud Attard | €1,799.70 | €1,799.70 | | Performance Bonus | 22/01/15 | | 13595 |
| 71 | CIR | €963.16 | €963.16 | | January | 01/02/15 | | 13596 |
| 72 | Rebecca Bonello | €30.00 | €30.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13597 |
| 73 | Centre Stage Academy | €150.00 | €150.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13598 |
| 74 | Jonathan Muscat | €25.00 | €25.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13599 |
| 75 | Anthony Muscat | €25.00 | €25.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13600 |
| 76 | Manuel Buhagiar | €250.00 | €250.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13601 |
| 77 | Annette Portelli Said | €350.00 | €350.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13602 |
| 78 | Rowena Theuma | €500.00 | €500.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13603 |
| 79 | Silvan Grima | €150.00 | €150.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13604 |
| 80 | Manuel Bhagiar | €150.00 | €150.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13605 |
| | **Sub total** | **€7,543.36** | **€7,543.36** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€47,635.07** | **€47,635.07** | | | | | |
| | **Total** | **€55,178.43** | **€55,178.43** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: 15/01/2015

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Paul Chetcuti | €100.00 | €100.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13606 |
| 82 | Suzanne Borg | €100.00 | €100.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13607 |
| 83 | Shaun Azzopardi | €150.00 | €150.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13608 |
| 84 | Jeremy and Tristen Portelli | €500.00 | €500.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13609 |
| 85 | Ryan Azzopardi | €450.00 | €450.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13610 |
| 86 | Oratorju Dun Bosco | €150.00 | €150.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13611 |
| 87 | Louise Azzopardi c/o Fabian Borg | €1,200.00 | €1,200.00 | | Carnival Performance | 23/02/15 | | 13612 |
| 88 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 13613 |
| 89 | Smart Office Supplies Ltd | €245.60 | €245.60 | | Stationary supplies (mainly printer cartidges) | 24/10/15 | 12933/14781/11756/13623 | 13614 |
| 90 | Sindku | €440.36 | €440.36 | | Mayor's Allowance | 26/02/15 | | 13615 |
| 91 | Impjegata Scale 15 | €992.54 | €992.54 | | Salary | 26/02/15 | | 13616 |
| 92 | Imjegat Scale 14 | €1,308.53 | €1,308.53 | | Salary | 26/02/15 | | 13617 |
| 93 | Peter Muscat | €50.00 | €50.00 | | Carnival | 27/02/15 | | 13618 |
| 94 | Therese Finger | €875.14 | €875.14 | | February | 27/02/15 | | 13619 |
| 95 | CIR | €1,490.16 | €1,490.16 | | February | 02/03/15 | | 13620 |
| 96 | Joseph Azzopardi | €623.46 | €623.46 | | February | 02/03/15 | | 13621 |
| 97 | John Ivan Xuereb | €1,245.69 | €1,245.59 | | February | 02/03/15 | | 13622 |
| 98 | Matthew Xuereb | €271.66 | €271.66 | | February | 02/03/15 | | 13623 |
| 99 | Nadur Local Council | €116.49 | €116.49 | | Petty Cash | 05/03/15 | | 13624 |
| 100 | Joe Said | €292.00 | €292.00 | | Dar Frangisk Grima helper Jan- Feb | 05/03/15 | | 13625 |
| | **Sub Total c/f** | **€10,601.63** | **€10,601.53** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€55,178.43** | **€55,178.43** | | | | | |

Sindku — Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier — Kunsillier

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru41

Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: 15/01/2015

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 101 | Media Link Comm. Co. Ltd | €30.30 | €30.00 | | 3 copies of DVDs Nadur Carnival | 06/03/15 | 57033 | 13626 |
| 102 | ARMS Ltd | €130.00 | €130.00 | | Temporary Meter | 06/03/15 | | 13627 |
| 103 | Grace Vella | €12.00 | €12.00 | | Reimbursement for University Fee | 10/03/15 | | 13628 |
| 104 | Pauline Vella | €12.00 | €12.00 | | Reimbursement for University Fee | 10/03/15 | | 13629 |
| 105 | Georgina Gauci | €115.00 | €115.00 | | Piano Concert replaement of cheque no 13587 | 11/03/15 | | 13630 |
| 106 | Transport Malta | €21.00 | €21.00 | | Parking clocks | 11/03/15 | | 13631 |
| 107 | Paul Portelli | €4,855.00 | €4,855.00 | | Online Streaming. Training/Maintenance/Support 4 years | 21.2.15 | 23 | 13632 |
| 108 | | | | | | | | |
| 109 | | | | | | | | |
| 110 | | | | | | | | |
| 111 | | | | | | | | |
| 112 | | | | | | | | |
| 113 | | | | | | | | |
| 114 | | | | | | | | |
| 115 | | | | | | | | |
| 116 | | | | | | | | |
| 117 | | | | | | | | |
| 118 | | | | | | | | |
| 119 | | | | | | | | |
| 120 | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€5,175.30** | **€5,175.00** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€65,780.06** | **€65,779.96** | | | | | |
| | **Total** | **€70,955.36** | **€70,954.96** | | | | | |

Sindku — Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier — Kunsillier

**Skeda Numru41**

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**
**Data: 15/01/2015**